**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1203/00**

**Pollo D'Oro Ltd**

**Vs**

**Dismar Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm391.46) rapprezentanti ammont lilha dovut ghall-merkanzija konsistenti f'tigieg iffrizati lilha mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra bonarja tad-29 ta' Awissu 2000, tal-mandat ta' qbid numru 2420/00 ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali mis-6 ta' Awissu 1999 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru jew rapprezentant taghhom ma deherx fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija wiehed u disghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm391.46).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Awissu 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg